MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Appell Civili Numru. 320/2007/2

**Wara s-sentenza ta’ din l-**
**Onorabbli Qorti moghtija fil-5 ta’ Marzu 2010, fil-kawza numru 320/2007 fl-ismijiet: -**

**Roberta Fenech Gauci.**

**vs.**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-kjamat in kawza Middlesea Insurance plc.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma datat 8 ta’ Gunju 2010 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi, fit-3 ta’ April 2007, l-attrici Roberta Fenech Gauci, ppresentat talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn talbet lill-korporazzjoni konvenuta thallasha s-somma ta’ Lm850, illum ekwivalenti ghal €1,979.96, valur ta’ oggetti mobbli proprjeta` tal-istess attrici li gew nieqsa wara li thallew f’zona kontrollata mill-istess korporazzjoni konvenuta u dan kif kien ser jigi detttaljatament spjegat waqt is-smigh tal-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-korporazzjoni konvenuta rrispondiet illi, preliminarjament, hija kienet ghamlet talba dwar dan il-kaz lis-socjeta` tal-assikurazzjoni taghha, Middlesea Insurance plc, u ghaldaqstant it-talba maghmula mill-attrici kellha tigi ndirizzata lill-istess spcjeta` Middlesea Insurance plc; illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici hija responsabbli ghall-hwejjigha u ghaldaqstant il-korporazzjoni konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi affarijiet li gew nieqsa mill-pussess tal-istess attrici; illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-oggetti mobbli proprjeta` tal-attrici gew nieqsa minhabba nuqqas ta’ hsieb, aljenazzjoni, u traskuragni da parti tal-istess attrici; illi ghaldaqstant it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; u illi, ghalhekk, l-istess talbiet tal-attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici; salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi, fl-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2007, *in vista* tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni konvenuta, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta` Middlesea Insurance plc.

Illi l-imsemmija socjeta` Middlesea Insurance plc eccepiet illi, preliminarjament, hija mhix il-legittima kontradittrici *stante* l-fatt li m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici; illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi lill-attrici li tipprova li kien hemm xi nuqqas da parti tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma; u illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fiiq l-attrici li tipprova d-danni mitluba u ghaldaqstant l-ammont tad-danni kien qed jigi kontestat ukoll; salvi eccezzjonijiet ulterjuri; u bl-ispejjez kontra l-attrici.

Illi, b'sentenza moghtija fit-18 ta' Settembru 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar qata' u ddecieda dan il-kaz billi fl-ewwel lok laqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` kjamata fil-kawza u llibera l-istess mill-osservanza tal-gudizzju, fit-tieni lok cahad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, kwindi laqa' t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk ikkundanna lill-istess korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma mitluba ta' elf disa' mija u disa' u sebghin ewro u sitta u disghin centesmu (€1,979.96, *gia* Lm850), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-presentata tal-avviz u bl-ispejjez kollha ta' dik l-istanza, nkluz dik tas-socjeta` kjamata fil-kawza a kariku ta' l-istess korporazzjoni konvenuta.

Illi l-esponenti, allura korporazzjoni konvenuta, hasset ruhha aggravata b'dik is-sentenza, u minnha interponiet umili appell.

Illi, permezz ta' sentenza tal-5 ta' Marzu 2010, din l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet l-istess appell u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' dik l-istanza jibqghu sopportabbli wkoll mill-korporazzjoni konvenuta appellanti.

Illi l-korporazzjoni esponenti hasset ruhha aggravata b'dik il-parti ta' din is-sentenza fejn din l-Onorabbli Qorti kkonfermat ir-responsabbilta` tal-istess korporazzjoni esponenti, allura appellanti, ghad-danni li sofriet l-attrici minhabba t-telf tal-oggetti mobbli minnha ndikati, billi tali parti tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fuq indikata hija affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi, ossija tikkontjeni applikazzjoni hazina tal-ligi, kif ukoll l-istess sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, u, ghalhekk, kif stipulat fl-**artikoli 811 (e) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12**), l-istess sentenza hija soggetta ghar-ritrattazzjoni.

Illi, fl-imsemmija sentenza li taghha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni, din il-Qorti applikat l-**artikolu 1037 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** ghall-kaz odjern. L-esponenti

tissottometti bir-rispett illi ma hux dan l-artikolu li japplika ghall-kaz in ezami, izda l-**artikoli 1029 sa 1033 tal-istess Kodici Civili (Kap. 16)**, u dan *stante* li ma kienx l-agir tal-istess korporazzjoni esponenti li minhabba fih l-oggetti mobbli tal-attrici gew nieqsa, izda kien l-agir tal-istess attrici, li, *ex admissis,* "insiet" il-*handbag* warajha, li kkawza tali event dannuz, u dan kollu kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.

Illi jirrzulta wkoll mill-provi, minghajr ebda kontestazzjoni u anzi ammess mill-attrici nnifisha, li l-korporazzjoni kienet kompletament passiva meta l-attrici nsiet l-oggetti mobbli taghha (u cioe` l-*handbag* u ta' go fih) fl-ufficcju tal-istess korporazzjoni esponenti, u ma jirrizulta l-ebda agir tal-istess korporazzjoni jew ta' xi hadd mill-impjegati taghha li hajjar jew gieghel lill-istess attrici sabiex tinsa' jew thalli l-oggetti mobbli taghha fl-istess ufficcju tal-korporazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-korporazzjoni esponenti, fil-waqt li taghmel riferenza ghall-provi u ghall-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet premessi, u fil-waqt li tirriserva li tressaq dawk il-provi kollha permessi skont il-ligi f'dan l-istadju, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Roberta Fenech Gauci vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u l-kjamat in kawza Middlesea Insurance pic"** (Appell Civili Numru 320/2007/1) fil-5 ta' Marzu 2010, fejn din l-istess Qorti kkonfermat ir-responsabbilta` tal-istess korporazzjoni esponenti, allura appellanti, ghad-danni li sofriet l-attrici minhabba t-telf tal-oggetti mobbli minnha ndikati, tordna r-ritrattazzjoni ta' dik il-parti tal-kawza deciza bl-imsemmija parti ta' tali sentenza billi s-sentenza fuq imsemmija applikat il-ligi hazin f'dik l-istess parti taghha, u dan bl-ispejjez kollha kontra l-intimata odjerna, *gia* attrici.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza llum 10 ta' Gunju 2010 (fol 236).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Gunju 2010 quddiem quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-

Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fejn din il-Qorti peress illi diga` direttament din il-kwistjoni bl-appell taghha tal- 5 ta' Marzu 2010 kawza ta' ritrattazzjoni ma tistax tinstema' minnha. Il-Qorti rat l-**artikolu 734 (d) tal-Kap 12** u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-process tar-ritrattazzjoni, termini l-atti lir-Registratur biex dan jassenja l-istess appell lill-iMhallef iehor. Il-Qorti ordnat il-kancellament ta' dan l-appell minn fuq il-lista tal-appell taghha.

Rat is-surroga datata 5 ta' Lulju 2010 u rriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghall-4 ta' Novembru 2010.

Rat ir-risposta ta' Roberta Fenech Gauci (ID Nru. 367773(M)) ghar-rikors ta' ritrattazzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma datata 19 ta' Lulju 2010 a fol. 248 tal-process fejn eccepiet:-

Illi permezz tar-rikors ta' ritrattazzjoni surreferit datat 8 ta' Gunju 2010 il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma talbet ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet surreferiti nhar il-5 ta' Marzu 2010 fejn giet ikkonfermata r-responsabbilita` tal-istess Korporazzjoni ghad-danni sofferti mill-attrici u wkoll ir-ritrattazzjoni ta' dik il-parti tal-kawza deciza.

Illi a sostenn tat-talbiet taghha l-Korporazzjoni tissottometti illi r-ritrattazzjoni hija gustiflkata f'dan il-kaz *a tenur* tal-**artikolu 811 (e) u (l)** tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** u cioe` peress illi fis-sentenza surreferita din l-Onorabbli Qorti applikat il-ligi hazina u kif ukoll li l-istess sentenza hija effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Illi jibda sabiex jinghad illi qabel xejn l-esponenti ghandha xi tressaq eccezzjoni ta' natura preliminari ghat-talbiet tal-Korporazzjoni intimata.

**<u>Dwar iz-zmien illi fih tista' ssir it-Talba ghar-Ritrattazzjoni</u>**

Illi skont l-**artikolu 818** iz-zmien illi fih tista' ssir t-talba ghar-ritrattazzjoni huwa dak ta' tliet xhur. Fir-rigward tal-kapi citati fir-rikors tal-Korporazzjoni ossija l-**artikolu 811 (e) u (l),** ukoll skont l-istess artikolu precitat, tali terminu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Issa jirrizulta bl-aktar mod car illi s-sentenza li r-ritrattazzjoni taghha qed tintalab hija dik deciza fil-5 ta' Marzu 2010 minn din l-Onorabbli Qorti meta wkoll r-rikors odjen jidher illi gie intavolat biss fit-8 ta' Gunju 2010 u kwindi *oltre* t-terminu tassattivament post mil-ligi ghal dan il-ghan. Skont l-**artikolu 819** it-terminu ta' tliet xhur huwa wiehed perentorju u minhabba f'hekk ukoll ghandu jirrizulta li r-rikors odjern huwa irritu u null in kwantu intavolat tardivament u *oltre* t-terminu previst mil-ligi. Hekk kif jinsab diga` deciz minn din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza fl-ismijiet **"Said International Limited v. MAC Limited et"** datata 7 ta' Lulju 2003:-

*"(l) Il-procedura ntentata tkun irrita u nulla jekk ma ssirx fit-terminu prevvist mill-**artikolu 818, Kap 12**. Dan it-terminu hu meqjus bhala wiehed mill-elementi kostituttivi tal-proponiment tal-azzjoni.* [...] *It-terminu ta' tliet xhur akkordat mill-ligi sabiex tigi intentata ritrattazzjoni huwa terminu sabiex wiehed jagixxi, u ghalhekk il-moghdija tieghu timplika d-dekadenza, jekk it-talba relattiva ma tigix proposta entro tali zmien. Ghalhekk ukoll tali terminu mhux rinovabbli, kif fil-kaz ta'preskrizzjoni.*"

Illi ghalhekk l-esponenti titlob qabel xejn li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni in kwantu interposti permezz ta' rikors li huwa irritu u null.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti xorta wahda ser jghaddi in rassenja l-kapi ta' ritrattazzjoni mressqin mill-Korporazzjoni intimata fejn ghandu wkoll jirrizulta li t-talbiet tal-istess Korporazzjoni huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Dwar l-artikolu 811 (e) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili**

Illi l-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **"Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju 2003 gie osservat li *"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.371) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818), 'non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale' (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et. Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910)".*

Illi ulterjorment, fil-kawza fl-ismijiet **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' April 1958 [Vol. XLII.i.227] il-Qorti osservat ukoll li "ma *jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b 'hekk [...] jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"*

Illi, partikularment, fir-rigward tal-applikazzjoni hazina tal-ligi taht l-**artikolu 811 (e) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** gie diversi drabi ribadit, fosthom mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza deciza fl-20 ta' Jannar 1992 illi:-

*"Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk that is-subinciz (e), jekk, **fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellujhun proprjament applikat."*** (enfazi mizjuda)

Illi hekk ukoll fil-kawza **"Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** deciza fl-24 ta' Jannar 1997 il-Qorti tal-Appell qalet a propositu li:-

*"Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni **ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati.*** [...] *Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm*

*interpretazzjoni hazina tall-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti.”* (enfazi mizjuda)

Illi, fil-kaz in ezami, is-sottomissjoni tal-Korporazzjoni intimata hija li din l-Onorabbli Qorti messha applikat l-**artikolu 1029 sa 1033** ghall-kaz odjern u mhux l-**artikolu 1037 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

Illi fis-sentenza datata 5 ta’ Marzu 2010 deciza kontra l-Korporazzjoni intimata dina l-Onorabbli Qorti sabet li *“l-azzjoni extra-kontrattwali ghar-rizarciment tad-danni fil-konfront ta’ min hu tenut biex iwiegeb ghall-attijiet jew ommissjonijiet tal-awtur tal-fatt illecitu hi ammessa sija fejn ikun indikat l-awtur ta’ dak il-fatt, sija fejn ma jkunx hekk maghruf, basta sintendi, li dan l-istess awtur ikun marbut minn rapport (f’dan il-kaz wiehed ta’ impjieg) ma’ min ghall-att jew ommissjoni hu obbligat jirrispondi.”* Din il-konkluzjoni din l-Onorabbli Qorti waslet ghaliha a bazi ta’ dak provdut fl-**artikolu 1037 tal-Kodici Civili** imma wkoll a bazi ekwitattiva u cioe` li t-terz dannegjat li hu aktar facli jagixxi direttament kontra l-principal minflok li joqghod jirricerka biex jiskoprti l-awtur materjali ta’ dak il-fatt illecitu.

Illi issa, minflok l-**artikolu 1037 tal-Kodici Civili,** il-Korporazzjoni tippretendi li l-Onorabbli Qorti kellha minflok tapplika l-**artikolu 1029 sa 1033 tal-istess Kodici**. Dawn l-artikoli jirrigwardjaw cirkostanzi fejn hsara ssehh b’accident, b’uzu negligenti jew bi htija tal-persuna li ssofri d-dannu.

Illi bl-akbar rispett ghandu jigi ravvizat illi permezz ta’ tali argument il-Korporazzjoni intimata qed ittenni mill-gdid - ghalkemm *‘sotto mentite spoglie’* - l-argument diga` mressaq minnha kemm quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell u cioe` li l-Korporazzjoni “ma *kellhiex tigi tenuta responsabbli ghat-trafugament tal-‘handbag’ ghaliex il-htija kienet ghal kollox addebitabbli lit-traskuragni tal-attrici nnifisha li halliet il-‘handbag’ warajha.”*

Illi fil-fatt sabiex tigi indagata mill-gdid tali sottomissjoni jehtieg li jergghu jigu evalwati u ezaminati l-provi - element dan certament mhux koncess mil-ligi f'dawn il-proceduri. Lanqas ma tista' ghalhekk il-Korporazzjoni intimata tippretendi li tirnexxi fit-talba taghha ghar-ritrattazzjoni meta t-talba taghha fil-fatt tiskaturixxi minn argumentazzjoni li l-Korporazzjoni nnifisha ma kellhiex tigi ritenuta responsabbli ghad-dannu soffert mill-attrici. Fil-fatt il-ligi applikabbli hija certament dik koncernanti danni rekati bhala konsegwenza ta' delitti jew kwazi-delitti - dan fuq ammissjoni tal-istess Korporazzjoni. Il-kwistjoni fattwali ta' responsabilita` ghat-telf fiha nnifisha certament ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-ligi hazina in kwantu hija dipendenti ghal kollox fuq l-evalwazzjoni tal-provi.

Illi ghaldaqstant xejn ma jiswa jekk, kieku l-Qorti sabet li kien hemm xi htija da parti tal-esponenti, kien jigi applikat artikolu iehor - ghalkemm artikolu li xorta jirrigwardja r-responsabbilta` delittwali – jibqa' l-fatt illi biex jigi stabbilit dan din l-Onorabbli Qorti trid terga' tevalwa mill-gdid il-provi quddiemha u kwindi ma jistax jinghad illi tezisti applikazzjoni ta' ligi hazina kif mehtiega mill-**artikolu 811 (e)** ai fini ta' ritrattazzjoni.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, xorta wahda t-talba tal-Korporazzjoni intimata f'dan ir-rigward m'ghandhiex tirnexxi u dan ghas-segwenti ragunijiet. Illi fil-fatt mill-assjem tal-provi prodotti rrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li l-'*handbag*' tal-esponenti insteraq minn impjegat tal-Korporazzjoni konvenuta waqt li kien fil-'branch' tal-Belt. Wara li l-esponenti ntebhet illi kienet halliet il-'*handbag*' warajha ghand il-Korporazzjoni u li dan ma setax jinsab hemmhekk hija immedjatament talbet ghall-ghajnuna tal-Pulizija sabiex jkun jista' jintwera l-filmat li fih kellu jidher x'sar mill-'*handbag*' tal-esponenti. Il-vizjoni ta' dan il-filmat rrizultat li kienet inutli peress illi l-parti li fiha kellu jidher il-'*handbag*' jittiehed minn xi hadd kienet tinsab mhassra b'tali mod illi l-'*handbag*' f'hin minnhom kien jidher u f'daqqa wahda sparixxa b'qabza fil-hin li kien jidher indikat fuq l-iskrijn.

Illi jinsab accertat mill-provi prodotti illi l-esponenti sofriet id-dannu naxxenti mis-serq tal-'*handbag*' taghha. Jinsab ukoll accertat li fil-mument illi dan insteraq ma kien hemm hadd prezenti fil-'branch' tal-Korporazzjoni konvenuta ghajr ghall-haddiema impjegati tal-istess Korporazzjoni. Jinsab stabbilit ukoll li minhabba l-fatt li l-filmat kien gie mbaghbas ma setghetx tigi determinata l-identita` tal-halliel. Irrizulta wkoll mill-provi prodotti li l-Korporazzjoni thalli l-bieb tal-kamra li fih hemm stallat l-apparat ta' sigurta` miftuh u kwindi accessibbli ghal kull impjegat.

Illi mill-provi huwa evidenti wkoll kunflitt bejn ix-xhieda ta' Mark Lupi u Daniela Gauci li stqarra t-tnejn li l-*logging password* tal-apparat ikun f'idejn Tony Vella bhala *manager* tal-*customer care* u x-xhieda tal-istess Tony Vella li meta xehed qal li huwa qatt ma kellu access ghal din is-sistema u li meta wasal diga` kien qed jintwera l-filmat. Filwaqt illi Daniela Gauci tikkonferma li s-sistema kienet topera indipendentement mill-Belt, Tony Vella jixhed li din kienet topera minn Hal Luqa. Ma saret ebda forma ta' inkjesta dwar dan l-incident.

Illi hekk ukoll jinsab deciz li *"'kull min ghal xi xoghol jew servizz iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara li dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi' b'dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghall-inkompetenza u negligenza tal-addetti u mpjegati taghhom, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kawzati lill-attrici* [...]" **("Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et"** deciza fit-12 ta' Dicembru 2002).

Illi wkoll fis-sentenza deciza fl-ismijiet **"Yvonne Cassone vs Alfred Calamatta"** (7 ta' Lulju 2004) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet, f'kaz ta' serq minn fuq il-post tax-xoghol li kien wassal ghall-mewt ta' impjegat li:-

*"Responsabbli ghal dan kollu primarjament huwa l-aggressur, pero`, dan ma giex imsejjah fil-kawza; ghalkemm il-Pulizija ma kellhiex indizji konkreti dwar min kien l-aggressur, suspetti kien hemm u kieku gew kjamati*

*in kawza l-allegati persuni suspetti, din il-Qorti, forsi, fuq grad ta' probabbilta`, kienet tikonkludi pozittivament dwar ir-responsabbilta` taghhom. L-aggressur, ghalhekk, baqa' terz injot, u ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza ("Fenech vs Gaud", deciza min din il-Qorti fil-21 ta' Frar 1994). Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Camilleri vs Cutajar", deciza fid-9 ta' Dicembru 1968, "**<u>Jekk il-konvenut ma setax sejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, m'hu ebda tort tal-atturi u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zsur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom</u>**"* (enfazi mizjuda).

Illi kif inhuwa maghruf il-culpa f'kaz ta' serq jew ghemil iehor doluz hija wkoll marbuta ma' test ta' prevedibbilta` (ara f'dan is-sens il-Carrara citat b'approvazzjoni fis-sentenza moghtija fit-3 ta' Marzu 2009 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Victor Cassar vs HSBC Bank Malta p.l.c. et**") u certament kellu jkun prevedibbli ghall-Korporazzjoni konvenuta li s-sistema ta' sigurta` miftuha u mhux da parti taghha sorveljata qalja seta' joffri protezzjoni kontra serq jew attentati ohra da parti tal-impjegati taghha kemm kontra l-impjegati tal-istess imma wkoll kontra membri tal-pubbliku. Dan ukoll kellu jkun prevedibbli fejn impjegati kellhom mhux biss il-facilita` illi jaccedu ghas-sistema imma wkoll li jhassru nformazzjoni minnha u dan minghajr il-htiega li jidentifikaw ruhhom.

Illi ghalhekk ukoll hija infondata t-tezi tal-Korporazzjoni li xi forma ta' htija kellha tigi addebitata lill-esponenti, dan *oltre* u minghajr pregudizzju ghall-argument li dawn il-proceduri ma jipprevedux ebda evalwazzjoni ulterjuri ta' provi.

**<u>Dwar l-artikolu 811 (l) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili</u>**

Illi fir-rigward tal-**artikolu 811 (l) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** ghandu jinghad li, kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet **"Charles Farrugia et noe vs**

**Benny Schembri"** biex ikun hemm l-izball ravvizat f'dan is-subinciz hu mehtieg li:-

*"i. L-izball [...] ikun zball materjali ta' fatt u hux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;*

*ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta" atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova tal-izball [….]*

*iii. Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe` li jemergi mis-semplici confront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]*

Illi ghaldaqstant fir-rigward ta' dan is-subinciz ftit ghandha l-esponenti xi tghid *oltre* dak li jinsab diga` espost hawn fuq. Jirjizulta, fil-fatt bl-aktar mod car li fil-kaz in ezami ma jezisti l-ebda zball fl-atti jew fid-dokumenti tal-kawza li jista' b'xi mod jiggustifika r-ritrattazzjoni tal-istess.

Illi dak li l-Korporazzjoni trid b'xi mod tfisser bhala zball mhuwiex ghajr insistenza da parti taghha li l-htija ghall-akkadut mertu tal-kawza odjerna ghandu jaqa' fuq l-esponenti. Kif diga` nghad dan l-argument gie rigettat kemm mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ewwel sentenza u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell. Ghaldaqstant it-talbiet tal-Korporazzjoni intimata la ma jinsabu gustifikati u lanqas ma jistghu jigu akkolti taht dan is-subinciz.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi prodotti u filwaqt li tirreserva minn issa d-dritt li tipproducu dawk il-provi kollha li huma ammissibbli skont il-ligi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet sottomessi, tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni intimate u tikkoferma s-sentenza appellata datata 5 ta' Marzu 2010 bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni intimata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Novembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-ritrattata u Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni ritrattandi u wara li r-ritrattata rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha, gie trattat il-kaz dwar il-mertu ta' ritrattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-istess ritrattandi qed tghid li hemm lok ta' ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e)** peress li allegatament saret applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Qorti fis-sentenza mertu tal-kawza odjerna u wkoll peress li skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l)** is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza.

Illi n-naha l-ohra tikkontesta dan billi tghid li ma hemm xejn minn dan izda fil-verita' kull ma qed jintalab f'din il-procedura huwa evalwazzjoni mill-gdid tal-provi prodotti, haga li ovvjament ma hijiex permessa mil-ligi u dan ghaliex fil-verita' giet applikata l-ligi korrettament ghall-esposizzjoni tal-fatti kif misjuba mill-Qorti; dwar it-tieni raguni jinghad li l-ilment migjub lanqas jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l)** peress li ma kien hemm ebda zball ta' fatt b'rizultat ta' inadvertenza tal-gudikant, liema zball johrog mill-atti jew dokumenti tal-kawza.

Illi fil-fatt jirrizulta li r-ritratta procediet kontra il-korporazzjoni rittrattandi ghas-somma ta' Lm850 rappresentanti valur ta' oggetti mobbli li hija kienet halliet f'zona kontrollata mill-istess korporazzjoni u ghall liema zona kienet responsabbli l-istess korporazzjoni, talba li giet opposta mill-Korporazzjoni hemm intimata li sostniet *inter alia* li kienet l-istess attrici li tahti ghal tali nuqqas fost eccezzjonijiet ohra minnha mressqa. B'decizjoni datata 18

ta' Settembru 2009 It-Tribunal tat-Talbiet Zghar sab li meta inghalaq l-ufficju il-*handbag* tar-ritrattata kienu ghadu fil-fond tal-korporazzjoni konvenuta, u ghalaq hadd hlief l-impjegati tal-istess korporazzjoni ma' setgha ha l-istess basket li kien hemm fih, u ghall dan in-nuqqas kellha tirrispondi l-istess Korporazzjoni.

Illi sar appell mill-istess sentenza u l-Qorti tal-Appell b'decizjoni taghha datata 5 ta' Marzu 2010 sostniet li l-appell kien ibbazat fuq impunjattiva li d-decizjoni tat-Tribunal ma kienitx motivata u li ma spjegax fuq liema bazi legali kien qed issib lill-Korporazzjoni responsabbli ghad-danni, u dawn dan gie sostnut li t-Tribunal immotiva d-decizjoni tieghu bizzejjed sabiex tissodisfa dan l-element tal-ligi, u dwar it-tieni aggravvju sostniet li l-bazi legali ghar-responsabilta' tal-Korporazzjoni intimata hija naxxenti mill-principju li kemm l-awtur innifsu tal-fatt illecitu huwa responsabbli ghar-risarciment ta' danni, kif ukoll dik fil-persuna jew entita' ta' min ihaddem fuq il-kolpa dovuta ghall ghazla tad-dipendenti taghha (*cupla in eligendo,* u dan meta jirrizultali l-istess dipendenti ma kienx dipendenti sabhiex jaqdi l-funzjonijiet jew mansjonijiet tieghu u dan kif dettaljatment spjegat fis-sentenza mertu tal-procedura odjerna, u dan meta saret riferenza partikolari ghall-agir ta' l-edetti tal-istess Korporazzjoni (inkluz il-persuna inkarigata fejn kien impoggi l-*monitor* tas-*security camera*, u l-persuna li xoghlu kien li jara li l-*monitor* jahdem) u b'riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"It-Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. – l-1 ta' Marzu 1988); u **"Caterina Magro vs Don Santo Agius"** (A. C. – 20 ta' Frar 1920). Fil-fatt inghad li l-*cupla in eligendo* llum tinkludi ir-responsabilita' ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lill-terzi u dan kif indikat fis-sentenzi **"Michael Balzan vs Lawrence Ciantar"** (P.A. (DS) – 6 ta' Ottubru 2002) u **"Emmanuel Sammut *et* vs. Chief Government Medical Officer et"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002).

Illi hawn issa qed tintalab li ritrattazzjoni fuq il-binarji indikati fir-rikors odjern u dwar l-istess jinghad qabel xejn li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u

affermat fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Guaci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi r-ritirandi qed jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza ta' din l-Qorti – diversament komposta – fuq dak biss li jipprovdi l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** li jaqra hekk:-

***"811***. *Kawza deciza b'sentenza moghtija fil-grad ta' appell tista', tigi fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza…..*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkun dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha, l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi dwar dan jinghad li fl-**artikolu 816** jinghad li fir-rikors (li bih jintalab it-thassir tas-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza) …..meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata **("Mary Zammit vs Rosemary Gonzi et" -** A.C – 28 ta' Novembru 2008).

Illi fil-kaz odjern l-ilment fuq dan il-punt huwa li l-Qorti messa ma applikatx l-artikolu 1037, izda kellha tapplika l-artikolu 1029 sa 1033 tal-Kap. 16. Fil-verita' dak li r-ritrattandi qed isostni li in-nuqqas ta' tali oggetti kien dovut ghan-negligenza da parte tar-ritrattata li halliet il-*handbag* fil-fond tal-korporazzjoni rittrattandi, u li l-istess korporazzjoni ma tistax tinsab responsabbli ghal tali nuqqas, u dan ghaliex kien l-agir tal-attrici li wassal u kkawza l-event dannuz.

Illi f'dan il-kuntest u minn din l-optika jidher car li l-istess korporazzjoni ritrattandi qed tipprova tibiddel l-interpretazzjoni tal-fatti kif decizi minn din il-Qorti diversament presjeduta, b'dan allura li din il-Qorti qeghda tigi mistiedna sabiex taghmel ezami mill-gdid tal-provi prodotti u b'hekk taghti l-gudizzju taghha fuq l-istess, haga li ma hijiex permessa li ssir f'kawza ta' ritrattazzjoni **("Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** (A.C. – 24 ta' Jannar 1997).

Illi fil-fatt dan kien il-bazi kollu tas-sottomissjonijiet tal-istess Korporazzjoni kemm quddiem it-Tribunal u kemm quddiem il-Qorti tal-Appell, u dan ghaliex hija dejjem sostniet li l-htija ta' kollox kienet l-attrici li halliet il-basket fil-fond tal-Korporazzjoni. Izda dan kollu gja gie kkonsidrat kemm mit-Tribunal u kemm mill-Qorti tal-Appell, li wara li hadet konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz, inkluz l-agir tal-attrici, ikkonkludew li dak li kkawza d-dannu lill-attrici ma

kienx l-agir tal-attrici ritrattrata izda l-agir inkompetenti u mhux ta' hila tal-impjegati tal-korporazzjoni u li allura l-istess korporazzjoni hija tenuta tirrispondi ghalihom skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1073 tal-Kap. 16** u l-interpretazzjoni tal-istess artikolu (li fiha nfisha mhux suggetta ghar-ritrattazzjoni taht dan il-kap) giet sopportata mill-gurisprudenza hemm citata bis-sentenzi **"Michael Balzan vs Lawrence Ciantar"** (P.A. (DS) – 6 ta' Ottubru 2002) u **"Emmanuel Sammut *et* vs. Chief Government Medical Officer et"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002). Din hija simili ghall-gurisprudenza citata mir-ritratta fl-ismijiet **"Yvonne Cassone vs Alfred Calamatta"** (P.A. – 7 ta' Lulju 2004) u **"Victor Cassar vs HSBC Bank Malta plc"** (P.A. – 3 ta' Marzu 2009).

Illi fil-kuntest ta' dan kollu jirrizulta car li mill-fattispecie tal-kaz jirrizulta li wara li l-Qorti ezaminat il-provi hija applikat l-artikolu appositu ghall-kaz in ezami, u certament li bil-mod kif saret il-procedura odjerna ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni abbazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 16** u ghalhekk it-talba tal-korporazzjoni ritrattandi in kwantu bbazata fuq l-istess qed tigi michuda.

Illi t-tieni punt sollevat mill-istess ritrattandi qed tghid li l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell ghandha tigi revokata a bazi tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** peress li qed tghid li kull ma jirrizulta huwa li l-attrici nsiet l-*handbag* taghha fl-ufficju tal-istess korporazzjoni u li hadd mill-impjegati taghha ma hajjar jew gieghel lill-istess attrici sabiex tinsa jew thalli l-oggetti mobbli taghha fl-istess ufficju tal-korporazzjoni u hawn (presumibilment) hemm zball li jidher mill-atti tal-kawza.

Illi l-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** jipprovi li hemm kaz ta' ritrattazzjoni meta *"s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza".*

*"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dan l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabilita' posittivament, basta li, fil-kaz*

*il-wiehed jew l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza".*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-ilment huwa wkoll bla bazi u dan peress li jidher car mill-istess decizjoni li l-Qorti hadhet konjizzjoni tal-fattispecie kollha tal-kaz u dak li attwalment qed tipprova taghmel il-Korporazzjoni b'din il-procedura huwa biss li ma taccettax dak li gie effettivament deciz u tibqa' ssostni l-posizzjoni taghha; il-fatt li ma gietx accettata t-tezi taghha mit-Tribunal u mill-Qorti tal-Appell ma jfissirx li hemm zball, izda biss li l-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet instabu li kienu nfondati kemm fattwalment u kemm legalament, haga li jidher li l-istess ritrattandi qed issib difficli biex taccetta.

Illi fit-tieni lok issir riferenza ghas-sentenza **"John Zammit et vs Michael Tabone et proprio et nomine"** (A.C. – 22 ta' Jannar 2001) fejn inghad li sabiex jigu sodisfatti l-elementi ta' dan l-artikolu irid ikun hemm:-

(a) l-izball irid ikun wiehed ta' fatt u mhux zball ta' interpretazzjoni (Vol.XXV.i.140).

(b) l-izball irid wiehed materjali li jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li s-sentenza tkun kontrastanti ma' dak l-att u dokumenti u mhux relatat ma l-interpretazzjoni ta' dak li huma l-fatti kif apprezzati mill-gudikant u dan peress l-apprezzament u l-interpretazzjoni ta' fatt jikkostitwixxu l-konvinciment insindakabbli tal-gudikant. *"L' errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casulalita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impungnata"* ((Vol. XLI.i.47).

(c) Jekk l-izball akkampat bhala motiv ta' ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (Vol. XLI.i.47).

(d) Il-fatt li r-ritrattandi ma jaqblux ma' l-apprezzament u ma' l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata ma jwasslux sabiex tali sentenza tigi annullata abbazi tal-**artikolu 811 (l)** u dan ghaliex l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindikabbli u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni (**"Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja et"** A.C. – 13 ta' Gunju 1995; **"G. Vella Zarb vs A. Bartolo"** A.C. – 3 ta' Frar 1930; **"Charles Farrugia et nomine vs Benny Schembri"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 1996); **"Mary Rota et vs Mary Camilleri"** P.A. (GV) – 30 ta' Marzu 2001).

(e) L-izball irid jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u iridu jigu sodisfatti l-elementi tat-tieni paragrafu tal-istess disposizzjoni legali – b'dan li l-izball irid ikun wiehed materjali u tali li minhabba <u>mera inavvertenza</u> ikun wassal lill-gudikant jissoponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi tirrikjedi li zball jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, u b'hekk li l-gudikant b'nuqqas ta' avvertenza ma jkunx ikkonsultahom.

Illi mill-ilmenti kif esposti f'dan il-kaz mir-rikorrenti ma hemm xejn minn dan u kull ma qed tigi attakkata hija fil-verita' l-interpretazzjoni ghall-fatti tal-kaz u fl-ahhar mill-ahhar ghall-mod kif l-istess Qorti waslet ghall-motivazzjoni taghha anke fuq l-konsegwenzi legali, u ma hemm fl-istess ilment ebda indikazzjoni kwalunkwe ta' xi dokument jew xi att processwali li gie b'xi mod skartat jew injorat mill-istess Qorti; anzi jirrizulta li l-istess Qorti hadet konjizzjoni tal-atti kollha quddiemha u interpretatat kif kellha dritt li taghmel il-fatti li hargu mill-kaz u abbazi tal-fatti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, ibbazata fuq principji legali stabbiliti, u ben spjegati. Allura *in vista* ta' dan kollu dak li l-istess korporazzjoni rikorrenti qed tittenta taghmel b'din il-procedura huwa li effettivament tappella mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, apprezzament li huwa insindakabbli f'dan l-istadju, u certament ma jammontax bhala bazi ta' ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12.**

Illi kif inghad fis-sentenza **"Mary Rota et vs Mary Camilleri" (**P.A. (GV) – 30 ta' Marzu 2001) u **"Josephine**

**Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) *"din il-Qorti ma tidholx fl-apprezzament interpretazzjoni u konkluzjonijiet taghha fuq il-fatti ghax dawn jikkostitwixxu konvinciment insindakabbli ta' dik il-Qorti".*

Illi ghalhekk anke din il-bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' Roberta Fenech Gauci datata 19 ta' Lulju 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni ritrattandi fir-rikors taghha datat 8 ta' Gunju 2010** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi l-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------